

**Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tat-8 ta' Novembru 2011 —  
BASF Schweiz u BASF Lampertheim vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-25/10) <sup>(1)</sup>

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Swieg tal-istabillizzaturi tal-landa u tal-istabilizzaturi tas-sħana ESBO/esters — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE — Ċessjoni tad-deċiżjoni — Tmiem tal-iskop ta' kawża — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2012/C 6/28)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: BASF Schweiz AG, li qabel kienet BASF Specialty Chemicals Holding GmbH (Basel, l-Iszvizzera); u BASF Lampertheim GmbH (Lampertheim, il-Ġermanja) (rappreżentanti: F. Montag u T. Wilson, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Ronkes Agerbeek u R. Sauer, aġenti, assistiti minn W. Berg, avukat)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tal-Artikoli 1 u 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 8682 finali, tal-11 ta' Novembru 2009, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/38.589 — Stabilizzaturi tas-sħana), sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet huma diretti lejn ir-rikorrenti, kif ukoll, sussidjarjament, talba għat-taqeqi tal-ammont tal-multi imposti fuq ir-rikorrenti abbażi tal-Artikolu 2 ta' din id-deċiżjoni.

**Dispożittiv**

- (1) Ma għadx hemm lok li tittieħed deċiżjoni dwar ir-rikors.
- (2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 100, 17.04.2010.

**Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tad-9 ta' Novembru 2011 —  
Elementis et vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-43/10) <sup>(1)</sup>

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Swieg tal-istabillizzaturi tal-landa u tal-istabilizzaturi tas-sħana ESBO/esters — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE — Irtirar tad-deċiżjoni — Tmiem tas-suġġett tal-kawża — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2012/C 6/29)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Elementis plc (Londra, ir-Renju Unit); Elementis Holdings Ltd (Londra); Elementis UK Ltd (Londra); u Elementis

Services Ltd (Londra) (rappreżentanti: T. Wessely, A. de Brousse, avukati, A. Woods, solicitor, u E. Spinelli, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Ronkes Agerbeek u J. Bourke, aġenti, assistit minn J. Holmes, barrister)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 8682 finali, tal-11 ta' Novembru 2009, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/C.38.589 — Stabilizzaturi tas-sħana), sa fejn hija tikkonċerna lir-rikorrenti, kif ukoll, sussidjarjament, talba għal tnaqqi tal-ammont tal-multi imposti fuq ir-rikorrenti permezz ta' din id-deċiżjoni.

**Dispożittiv**

- (1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.

- (2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 100, 17.04.2010.

**Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tad-9 ta' Novembru 2011 —  
ClientEarth et vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-120/10) <sup>(1)</sup>

(“Aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Rifut impliċitu ta' aċċess — Interess għuridiku — Deċiżjoni espliċita adottata wara l-preżentata tar-rikors — Rifut ta' adattament fit-talbiet — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2012/C 6/30)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: ClientEarth (Londra, ir-Renju Unit); European Federation for Transport and Environment (T&E) (Brussels, il-Belġju); European Environmental Bureau (EEB) (Brussels); BirdLife International (Brussels) (rappreżentanti: S. Hockman, QC, u P. Kirch, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Herrmann u C. ten Dam, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Frar 2010, li tirrifjuta l-aċċess għal ċerti dokumenti dwar il-ħolqien ta' mudelli ta' bijokarburanti.